MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2009

Numru. 157/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR ALEXANDER GRECH**
**SPETTUR SPIRIDIONE ZAMMIT**
**KONTRA**

**JOSEF ANTHONY MUSCAT**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Josef Anthony Muscat ta’ 33 sena, bin Anthony u Carmena nee’ Bondin, mwieled Pieta’, nhar it- 23 ta’ Dicembru 1975, residenti fil- fond Nru. 30, Triq Stella Maris, San Pawl il- Bahar u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 48376(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli :

1) Nhar is- 26 ta' Frar 2008 ghall- habta tal- 4.00pm u fi Triq Valletta, Rahal Gdid bil- hsieb li jaghmel delitt wera dan il- hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni ta' delitt u cioe ta' offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Maria Sharon Spiteri u Saviour Spiteri minn Hal- Tarxien u dan bi ksur tal- Artikoli 41, 64, 214, 216 u 221 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

2) Ukoll talli fl- istess jum, lok, hin u cirkostanzi ikkaguna hsara fil- gisem jew fis- sahha, u cioe' offiza ta' natura hafifa fuq Maria Sharon Spiteri, skond ma ccertifika t- tabib Dr. P. Amato Gauci MD Reg. 5065 mill-Isptar Mater Dei u dan bi ksur tal- Artikolu 221 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3) Talli saq vettura numru JBI 041 b'manjiera traskurata, negligenti u perikoluza u dan bi ksur tal-Artikolu 15 tal- Kapitolu 65 tal- Ligijiet ta' Malta;

4) Talli saq vettura numru JBI 041 b'giri aktar milli jmissu u dan bi ksur tal- Artikol 127 tal- MVR;

5) Talli waqt li kien involut f'accident tat- traffiku, naqas li jieqaf fuq il- post u jaghti l- partikolaritajiet tieghu lill- persuna l- ohra dan bi ksur tal- Artikolu 67 tal- MVR;

6) Ukoll talli fl- istess jum, hin, lok u cirkostanzi imbotta lil Maria Sharon Spiteri u Saviour Spiteri u dan sabiex iwegghahom jew jinsulentahom u dan bi ksur tal-Artikolu 339 (1) (l) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

7) Ukoll talli fl- istess jum, hin, lok u cirkostanzi kiser il- mistrieh tan- nies bi hsejjes, ghajjat u glied, jew b'mod iehor, u dan bi ksur tal- Artikolu 338 (dd) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi prodotti din il-Qorti hi tal-fehma li l-imputat ma jahti proprju xejn ghall-incident in kwistjoni. Qabel xejn, din il-Qorti ma kkonvincietx ruhha li l-allegata vittma, Maria Sharon Spiteri, effettivament sofriet xi griehi f' dan l-incident, u l-anqas ma hi konvinta li kienet giet milquta mill-vettura misjuqa mill-imputat. Li gie ampjament ippruvat hu li Saviour Spiteri, ir-ragel tal-allegata vittma, kellu diverbju jahraq mal-imputat u mas-siehba tieghu, Letizia Scicluna, li din tal-ahhar kienet l-"employer" ta' Spiteri, u dan id-diverbju ikkulmina f' incident gewwa l-Ghassa ta' Rahal Gdid, u kompla barra l-istess Ghassa fil-konfront tal-imputat. Minn dak kollu mressaq quddiem din il-Qorti, hi aktar verosimili u konsistenti l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat u minn Scicluna, ikkorroborata minn PS 100 Terence Azzopardi, minn dik moghtija minn Spiteri. Ghalhekk il-Qorti sejra tillibera lill-imputat minn kull htija u piena f'dan il-kaz, ghax fil-fehma taghha kienu hu u Letizia Scicluna li gew aggrediti minn Spiteri.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 41, 64, 241, 216, 221, 339 (1) (l), 338 (dd) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal- Ligijiet ta' Malta, u r-Regolamenti 127 u 67 tal- MVR.

Din il- Qorti ma ssibx lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tilliberah.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------